# Beati u Qaddisin....Lulju

**SAN EUGENIUS - ISQOF**
**13 ta' Lulju**

Fis-sena 481, is-sede episkopali ta' Kartagni kienet ilha vakanti ghal erbgha u ghoxrin sena, meta Huneric, Re barbaru tal-Vandali Afrikani, iddecieda li jhalli lill-Kattolici jimlewha, sakemm jigu sodisfatti certi kundizzjonijiet. Il-poplu, bla pacenzja li jgawdi l-konsolazzjoni li raghaj kien igib lill-knisja, ghazel lil Ewgenju, cittadin ta' Kartagni, eminenti ghat-



taghlim, il-hegga, il-pieta u l-prudenza tieghu. Il-karitajiet tieghu lill-imnikkta kienu digà abbundanti hafna, u fl-ufficcju l-gdid tieghu rrifjuta lilu nnifsu l-icken konvenjenza, sabiex ikun jista' jaghti dak kollu li kellu lill-foqra.

Il-virtù tieghu kisbet ir-rispett u l-istima anke tal-Arjani; imma mal-medda taz-zmien l-ghira u z-zelu ghelbu s-sentimenti tajba taghhom lejh, u Huneric baghat ordni lil San Ewgenju biex qatt ma joqghod fuq it-tron episkopali, jippriedka lin-nies, jew idahhal fil-kappella tieghu xi Vandali, anki jekk Kattolici. Il-Qaddis bil-kuragg wiegeb li l-ligijiet ta' Alla ordnawh biex ma jaghlaqx il-bieb tal-knisja tieghu lil kull min xtaq jaqdih hemmhekk. Ir-re Vandalu, irrabjat ghal din it-twegiba, ippersegwita lill-Kattolici b'diversi modi. Hafna sorijiet gew ittorturati b'mod krudili. Ghadd kbir ta' isqfijiet, qassisin, djakni, u lajci Kattolici eminenti gew imkeccija f'dezert mimli bl-iskorpjuni u sriep velenuzi. Hafna wkoll inqatlu.

Bl-intervent tal-Providenza, San Ewgenju gie mehlus izda eziljat f'dezert dizabitat fil-provincja ta' Tripli, imhares minn isqof Arjan inuman. Dan tal-ahhar ittrattah bl-akbar barbarità, jaghlqu f'cella dejqa u ma hallew lil hadd izuru. Qabel ma dahal f'dak il-habs, izda, kien sab mod kif jikteb lid-djocesani tieghu

ittra mill-isbah, li fiha qal: Jekk nirritorna Kartagni, narakom f'din il-hajja; jekk ma nergax lura, narakom fl-ohra. Itlobu ghalina u sumu, ghax is-sawm u l-larita' dejjem kisbu l-hniena ta' Alla; imma ftakru fuq kollox, li hemm miktub li ma rridux nibzghu minn dawk li jistghu joqtlu l-gisem biss.

Re gdid jismu Gontamund successur ta' Huneric, gab lura lil San Ewgenju f'Kartagni, fetah il-knejjes Kattolici, u halla lill-kleru eziljat kollu jerga' lura. Wara tnax-il sena issaltan, Gontamund miet, u huh Thrasimund gie msejjah ghall-kuruna. Taht dak il-princep Sant Ewgenju rega' gie mkecci. Miet fl-ezilju fi Franza fit-13 ta' Lulju 505, f'monasteru li kien bena' u mexxa, f'Albi, hdejn Toulouse. San Girgor ta' Tours jassigura li fil-qabar tieghu sehhew hafna mirakli.